MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 183/2009

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu filwaqt li jaghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tat-13 ta' Frar 2002 jitlob li l-kura u kustodja tal-ulied minuri tigi affidata lill-attur u fl-istess tiddikjara li l-attur m'ghandux jibqa' jhallas manteniment lill-konvenuti fir-rigward tal-imsemmija minuri u minflok tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur manteniment ghaz-zewg minuri.

Il-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata nonostante li kienet debitament notifikata bir-rikors guramentat.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi.**

L-attur ressaq it-testimonjanza tieghu bil-mezz ta’ affidavit:-

“L-problemi matrimonjali bdew wara li jiena skoprejt li l-mara kienet nfedeli. Ahna eventwalment sseparajna permezz ta' kuntratt ppublikat fit-13 ta' Frar 2002. F'dan il-kuntratt gie msemrni li l-kura u kustodja tat-tfal taghna kella tkun kongunta izda li kellhom jirresjedu fid-dar ta' C.

Madwar hdax-il snin ilu, cioe ezatt wara li ahna sseparajna, C bdiet tikkoabita ma' ragel iehor, Robert Cassar, u sahansittra kellha tarbija minghand dan ir-ragel. Minhabba din ir-relazzjoni, C ma kienetx taghti wisq kaz tat-tfal u konsegwentament it-tfal bdew jqattghu aktar hin rnieghi u ma' omm C. It-tfal ta' sikwit kienu jghiduli li kien jhossuhom skomdi hafna jghixu ma' ommhom fil-presenza tal-partner taghha u dan minhabba l-atteggjament tal-istess Robert Cassar fil-konfront taghhom.

F'Ottubru 2008, il-counselor (certu Kathleen Cilia) tal-iskola li fiha kienu jattendu t-tfal (St. Martin's College) informatni li Ella kienet fethet qalbha maghha u dan wara li l-ghalliema taghha kienet ratilha xi tbengil fuq gisimha. Wara li t-tifla fethet qalba, jiena sirt naf li C kienet qeghda tuza dixxiplina esagerata fuq it-tfal u kienet ukoll sahansittra terfa' jdejha fuq Ella u anke ssakkarha fil-kamra tas-sodda taghha fid-dlam.

Minn dakinhar '1 quddiem il-problerni baqghu jaggravaw u jiena hassejt li kelli nibda proceduri ta' medjazzjoni. Ir-rizultat tal-medjazzjoni kien li jiena nghatajt il-kustodja fizika ta' Nicholas u Ella, fil walqt li C nghatat access. Dawn l-arrangamenti kienu in linea ma dak li xtaqu t-tfal stess. B'risultat t'hekk t-tfal bdew jqattghu hafna aktar zmien mieghi. F'dawn l-ahhar snin il-bzonnijiet tat-tfal kibru izda minkejja dan, jiena ma sibt l-ebda ghajnuna minghand C li mhux talli tahdem bhala real estate agent ma' Simon Mamo Estate Agents talli sa llum l-gumata ghadha qed tgawdi mic-childrens allowance. Jiena nghid illi C ma thallas l-ebda manteniment ghat-tfal taghna. Il-manteniment li jircievu t-tfal huwa dak li nipprovdi jiena.

Jien nhoss li peress illi t-tfal ghadhom sa llum il-gumata jirresjedu principalment rnieghi, u minhabba l-fatt li C ghandha rnhux biss il-mezzi (possibilment aktar minni), izda ukoll l-obbligu li tghin fit-trobbija tat-tfal taghna li hija ghandha terfa r-responsabilita' taghha li tassisti kemrn moralment u kif ukoll finanzjarjament fit-trobbija tat-tfal taghna.”.

Il-minuri gew mismugha mill-Avukat tat-tfal waqt il-proceduri ta’ medjazzjoni antecedenti l-kawza. L-Avukat tat-Tfal irrakkomandat kura u kustodja kongunat b’dan illi l-minuri jghixu mal-missier b’access favur l-omm.

Ikkonsidrat.

**Konsiderazzjonijiet**.

Jirrizulta illi wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejn il-partijiet, kien hemm kambjament radikali fir-rigward tal-minuri in kwantu dawn waqfu jirrisjedu ma’ l-omm u bdew jirrisjedu mal-missier filwaqt li t-tifel ghalaq tmintax- il sena u ghadu student full-time.

Il-provi imressqa mill-attur, li ma gew bl-ebda mod kontrastati, juru illi jkun fl-ahjar interess ta’ l-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri Ella tkun affidata esklussivament f’idejn l-attur.

Jehtieg ghalhekk ukoll illi l-Qorti tipprovdi dwar il-manteniment ta’ ulied il-partijiet.

Ghalkemm ma tresqux provi dwar id-dhul tal-konvenuta, huwa pacifikament accettat fil-gursprudenza nostrana illi kull genitur ghandu l-obbligu illi jipprovdi ghall-manteniment ta’ uliedu skond il-mezzi tieghu u l-htigijiet ta’ l-ulied u dan fit-termini tal-**Artikoli 7 u 3B tal-Kapitolu 16 tal-**

**Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenuta kellha kull dritt illi tikkontesta l-kawza u tressaq il-provi kollha taghha. Hija ghazlet li ma tikkontestax il-kawza u ma tidhirx. Fil-fehma tal-Qorti tali agir, ghalkemm il-kontumacja tal-konvenuta ghandha titqies bhala kontestazzjoni tat-talbiet attrici u mhux ammissjoni taghhom, ma jistax jinghad pero' li n-nuqqas ta' dehra da parti tal-konvenuta abbinat mal-kontumacja taghha innewtralizza l-obbligu taghha li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedha tenut kont illi l-provi cirkostanzjali jindikaw illi hija kapaci tahdem u jirrizulta li fil-passat recenti hija kellha impieg.

Ghalhekk il-Qorti ter tikkundanna lill-konvenuta thallas manteniment ghall-minuri Ella s-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) kull xahar u fir-rigward ta' iben il-partijiet, Nicholas, is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar u dan b'effett minn meta gew intavolati l-proceduri odjerni.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi ;

1) Tilqa' l-ewwel talba, tafda l-kura u kustodja tal-minuri Ella esklussivament f'idejn l-attur A B;

2) Tilqa' t-tieni talba, tirrevoka u thassar l-obbligu tal-attur li jhallas lill-konvenuta manteniment ghall-ulied il-partjiet naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejn il-partijiet.

3) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur bhala manteniment ghall-minuri Ella s-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar kif ukoll is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar bhala manteniment ghal iben il-partijiet Nicholas, u dan b'effett mill-5 ta' Gunju 2009 u dan sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk ikunu jew jibqghu studenti *full-time,* jew jibdew jahdmu, liema tavvera ruhha l-ewwel, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, l-ewwel zieda annwali jkollha effett fl-1 ta' Novembru 2015.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------